# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

# L-Avukat

SERVIZZ PUBBLIKU

Meta tmorru l-Belt Valletta u tgħaddu minn dik it-triq wiesgħa mimlija ħwienet, taslu f'post fejn fuq naħa għandek il-monument tal-Assedju l-Kbir u n-naħa l-oħra hemm bini kbir ħafna li fih jidħlu ħafna nies. Dan huwa l-bini tal-Qorti, u hawn insibu jaħdmu ħafna nies, fosthom l-avukati.

**L-AVUKATI STUDJAW IL-LIĠI U B'HEKK JISTGĦU JAQBŻU GĦALL-KLIJENTI TAGĦHOM META JITKELLMU F'ISIMHOM QUDDIEM IL-QORTI.**

Fis-Settur Pubbliku nsibu avukati li x-xogħol tagħhom ivarja skont fejn jaħdmu. Issib avukati li jgħinu lill-pulizija f'każijiet kontra l-kriminali. Issib ukoll dik li tissejjaħ "għajnuna legali". Dawn l-avukati jkunu mqabbda jgħinu lil nies li ma jkollhomx flus biex iqabbdu avukat tagħhom.

Insibu wkoll dak li ngħidulu "l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat", li jagħti pariri lill-gvern dwar il-liġijiet, jgħin biex jinkitbu liġijiet ġodda u jiddefendi lill-Istat fil-qrati, kemm f'Malta kif ukoll barra minn xtutna.

Biex persuna tilħaq avukat trid tistudja ħafna. Fl-Università hemm il-kors tal-Liġi, u dan jgħallmek dwar il-kostituzzjoni, li tgħin biex il-pajjiż jimxi 'l quddiem. F'dan il-kors titgħallem mhux biss il-liġijiet imma wkoll kif tirriċerka u kif tibni argument. Wara li tgħaddi mill-eżamijiet iġġib liċenzja speċjali, li tissejjaħ "warrant", u tieħu ġurament ta' lealtà lejn il-kariga.

Peress li hemm mijiet ta' liġijiet, bħala avukat tispeċjalizza f'xi liġi partikolari, pereżempju f'każijiet ċivili bejn persuna u oħra, jew fil-liġi kummerċjali li tinvolvi xi negozju, jew fil-liġi tal-familja, fil-liġijiet kriminali jew inkella fid-drittijiet tal-bniedem, fost l-oħrajn. Hemm ukoll setturi li jkollhom sett ta' liġijiet għalihom infushom, bħas-settur marittimu (tal-baħar), tal-finanzi (il-flus), tal-banek, tat-taxxa, tas-sigurtà, tax-xandir u l-media, u dawk relatati mal-informazzjoni u t-teknoloġija.

Ta' min jgħid li avukat irid iġib ruħu tajjeb, u għalkemm jaqbeż għall-klijenti tiegħu, dan isir b'rispett. Il-kariga ta' avukat iġġorr magħha responsabbiltà kbira u l-avukati huma marbuta bis-sigriet professjonali, jiġifieri dak li jgħidilhom il-klijent tagħhom ma jistgħu jmorru jgħiduh lil ħadd. Avukat irid ukoll jibqa' dejjem attent għal liġijiet ġodda li jinbidlu jew jinħarġu.




*Żomm kuntatt magħna!*